MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 198/2018 LM

**Shaun Attard (K.I. 430790M)**

***vs.***

**Joseph Schembri (K.I. 377472M);**
**Electrofix Limited (C23111)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Marzu, 2018 mill-attur **Shaun Attard** (K.I. 430790M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-7 ta' April, 2016 ġewwa l-fabbrika Float Glass Limited, fiż-żona industrijali tal-Marsa, il-Marsa, waqt li r-rikorrenti kien għaddej fuq xogħlu li kien ġie lilu ordnat jagħmel mis-soċjetà Electro Fix Limited, weġġa' bil-konsegwenza li qiegħed isofri ġrieħi ta' natura permanenti;*

2. *Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħtu unikament l-intimati u/jew min minnhom minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol;*
3. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti ġarrab damnum emergens li jinkludu spejjeż ta' tobba, speċjalisti u mediċini, telf ta' xogħol u telf ieħor kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi ta' din il-kawża;*
4. *Illi bħala konsegwenza tal-ġrieħi gravi li ġarrab ir-rikorrenti kawża tal-istess inċident ir-rikorrenti sofra wkoll lucrum cessans minħabba d-debilità permanenti ta' 7% li ġiet riskontrata u aċċertata, rapport maħruġ mill-ispeċjalista Frederick Zammit Maempel esebit, anness u mmarkat Dok. 'A';*
5. *Illi bħala konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab ir-rikorrenti kawża tal-istess inċident ir-rikorrenti ma jistax ikompli jieħu sehem attiv fl-isport tal-'boxing' li kien ilu jieħu sehem fih għal erba' (4) snin sa minn qabel seħħ l-inċident;*
6. *Illi fil-mument tal-inċident ir-rikorrenti kien 'semi-professional boxer' tant li kien jonqsu biss żewġ 'boxing matches' biex isir 'professional boxer', liema possibilità kawża tal-istess inċident illum tidher ferm remota li tavvera ruħha;*
7. *Illi ġew istitwiti wkoll proċeduri kriminali u/jew dawk ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, liema proċeduri taw eżitu kontra l-istess intimati u/jew min minnhom, kopja tas-sentenza ser tiġi prodotta matul is-smigħ tal-każ;*
8. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu 2016 ir-rikorrenti interpella lill-intimati u/jew min minnhom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni iżda dawn baqgħu inadempjenti, kopja annessa, esebita u mmarkata Dok. 'B';*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrenti qed titlob li din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara lill-intimati u/jew min minnhom unikament responsabbli għall-inċident deskritt u għad-danni kollha u telf finanzjarju li bħala konsegwenza tal-istess inċident ġarrab ir-rikorrent;*
2. *Tillikwida d-danni kollha a favur ir-rikorrent, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, kemm dawk ta' natura permanenti, danni morali, kif ukoll kull telf ieħor finanzjarju li ġarrab ir-rikorrenti konsegwenza tal-istess inċident;*
3. *Tikkundanna lill-intimati Joseph Schembri u/jew Electro Fix Limited u/jew lis-soċjetà assikuratriċi jħallsu lir-rikorrent dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in konformità mad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti,*

*kemm permanenti u morali, kif ukoll kull telf finanzjarju ieħor li ġarrab ir-rikorrenti, konsegwenza tal-istess inċident.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 2016, u ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimata skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali kontra l-istess intimati sa mid-data tal-ittra uffiċjali minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Joseph Schembri** (K.I. 377472M) u tas-soċjetà konvenuta **Electrofix Limited** (C 23111) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' April, 2018 u maħlufa minn Joseph Schembri (K.I. 377472M), f'ismu u f'isem is-soċjetà Electrofix Limited (C 23111), fejn eċċepew:

1. *Illi fil-konfront tal-intimat Joseph Schembri u fuq linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, Joseph Schembri ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika relattivament għall-inċident in kwistjoni bejn is-Sur Schembri u l-attur, u għalhekk l-intimat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.*

2. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, stante illi l-inċident ma seħħx minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

3. *Illi għalhekk is-soċjetà Electrofix Limited u/jew Joseph Schembri ma għandhomx jiġu ordnati li jagħmlu tajjeb għal ebda danni li seta' sofra l-attur b'riżultat tal-inċident in kwistjoni, u dan dejjem mingħajr preġudizzju, speċjalment meta jirriżulta li llum il-ġurnata, l-attur għadu jagħmel l-istess tip ta' xogħol, kif ukoll ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

4. *Illi fi kwalunkwe każ, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti jrid jagħmel prova tad-danni allegatament u realment subiti minnu.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' April, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mid-difensuri tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni sofferti minnu b'konsegwenza ta' inċident li huwa kellu waqt li kien qiegħed fuq is-saqaf ta' fabbrika fejn l-attur kellu jagħmel xogħol marbut mal-installazzjoni ta' numru ta' pannelli fotovoltajċi fuq inkarigu mogħti lilu mill-*employer* tiegħu, il-kumpannija Electrofix Limited. L-inċident li kien involut fih l-attur seħħ meta waqt li dan kien miexi flimkien ma' sħabu fuq saqaf tal-*corrugated metal,* għadda minn fuq parti mis-saqaf li kienet tal-*perspex,* bir-riżultat li din sfrundat bih, u baqa' nieżel għoli ta' żewġ sulari għal isfel. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra danni kif ukoll ġrieħi ta' natura permanenti. Huwa jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba n-negliġenza, l-imprudenza, l-imperizja, it-traskuraġni u n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tal-konvenuti jew min minnhom, u kien għalhekk li huwa nieda dawn

il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni u t-telf finanzjarju sofferti minnu, li tillikwida d-danni sofferti minnu waqt dan l-inċident, u li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-ħlas tal-istess.

Il-konvenuti wieġbu li Joseph Schembri personalment mhux leġittimu kontradittur, minħabba li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur. Qalu wkoll li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement huma m'għandhomx jintalbu jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku redatt minn **Mr Frederick Zammit Maempel**, *consultant orthopaedic surgeon*[1]*,* li qal l-attur li infurmah li fis-7 ta' April, 2016 kien ser jibda jagħmel xogħol ta' twaħħil ta' pannelli solari fuq il-bejt tal-fabbrika Float Glass Limited fil-Marsa, meta waqt li kien għaddej miexi minn fuq is-saqaf tal-*corrugated metal,* rifes fuq parti mis-saqaf li kienet tal-*perspex* u ċediet bih. Konsegwenza ta' dan, l-attur waqa' għoli ta' żewġ sulari, ġie fuq magna u baqa' nieżel mal-art. Ix-xhud qal li minħabba f'dan l-inċident, l-attur sofra ksur fl-għarqub u f'wieħed mill-irkiekel ta' dahru, u ftit wara l-waqgħa dan kien ittieħed l-isptar, fejn sarulu t-testijiet meħtieġa u jumejn wara ġie operat f'dahru. Ix-xhud qal li minkejja l-intervent kirurġiku li sar fuq l-attur u l-fatt li dan kien jattendi għal

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

sessjonijiet ta' fiżjoterapija, l-attur baqa' jilmenta minn uġigħ f'dahru. Ix-xhud qal ukoll li meta eżamina lill-attur madwar sena wara l-inċident, dan kien għadu jilmenta minn uġigħ meta jinvolvi ruħu f'ċerti attivitajiet. Mr Zammit Maempel qal li kawża tal-inċident l-attur ma sofriex problemi nevroloġiċi, Imma minkejja li l-ksur li sofra l-attur għaqad, dan xorta waħda għad għandu xi restrizzjonijiet fil-moviment. L-espert mediku *ex parte* Mr Zammit Maempel qal li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%).

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu, 2017, li permezz tagħha huwa interpella lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu b'riżultat tal-inċident tas-7 ta' April, 2016.[2] Ġiet esebita wkoll kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija wara l-inċident[3], u kopja tal-*case summary* li ngħata l-attur mar-rilaxx tiegħu mill-isptar.[4]

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur qal[5] li fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa kien jaħdem bħala *skilled labourer.* Dakinhar li seħħ l-inċident l-attur kien irrapporta għax-xogħol bħal drabi oħra, u hekk kif wasal fuq il-post tax-xogħol huwa ġie infurmat minn ċertu John Borg, *team leader,* li dakinhar hu u żewġ persuni oħra kellhom imorru jwaħħlu l-pannelli ġewwa l-fabbrika tal-Float Glass. L-attur kien intbagħat jaħdem fil-fabbrika tal-Float Glass dakinhar stess filgħodu kif irrapporta għax-xogħol. L-attur qal li wieħed mill-kollegi tiegħu, identifikat bħala Charlo, kien ilu madwar xahar jaħdem fil-fabbrika tal-Float Glass sabiex jagħmel ix-xogħol preparatorju li kien meħtieġ qabel jitwaħħlu l-

[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.
[4] *A fol.* 12 tal-proċess.
[5] *A fol.* 21 tal-proċess.

pannelli, u għalhekk dan kien ilu madwar xahar jaħdem fuq l-istess saqaf fejn kellu l-inċident l-attur. L-attur spjega li x-xogħol kien jirrikjedi li jitwaħħlu għadd ta' pannelli fuq is-saqaf tal-parti l-ġdida tal-fabbrika, u kif waslu fuq is-sit, l-attur u sħabu bdew iġorru l-għodda li kellhom jużaw waqt ix-xogħol. Żied jgħid li huwa kien liebes *safety shoes,* u x-xogħol dakinhar ma kienx jirrikjedi l-ilbies ta' *helmet* għax ma kienx hemm ir-riskju li taqa' xi ħaġa mill-għoli, peress li x-xogħol rikjest kien ser isir proprju fuq is-saqaf tal-fabbrika. L-attur kompla jgħid li wara li ħarġu l-għodda, hu u sħabu ramaw sellum biex jilħqu s-saqaf minn barra, u wara li telgħu t-tlieta li huma, bdew mexjin fuq is-saqaf. Qal li s-saqaf kien tal-*corrugated fibre,* u waqt li kienu mexjin wara xulxin, huwa waqa' għoli ta' żewġ sulari wara li sfronda bih is-saqaf. L-attur qal li baqa' nieżel fl-art tal-fabbrika li kienet taħt il-livell tat-triq, bl-affarijiet kollha li kien qiegħed iġorr wara dahru dak il-ħin. Qal li l-kirurgu li operah l-isptar kien informa lilu u lil missieru li kieku mhux għax l-attur kien b'saħħtu fiżikament, l-inċident kien ikun fatali. Qal ukoll li wara li ħareġ mill-isptar huwa għamel perijodu ta' sitt ġimgħat jilbes *brace* ma' sidru, u wara li tneħħietlu l-*brace* kellu jattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija l-isptar. Qal li wara dan l-inċident kellu jwaqqaf it-taħriġ tal-*boxing*, u għalkemm imur isegwi lill-*coach* jagħti t-taħriġ, m'għadux jipparteċipa f'dan l-isport għax it-tobba kienu tawh parir ma jieħux sehem aktar. L-attur qal ukoll li hu dam sena ma jmurx ix-xogħol, u meta rritorna x-xogħol, beda jaħdem fl-i*stores*, minħabba li m'għadux jista' jagħmel xogħol ta' strapazz u tqandil. Qal ukoll li kellu jwaqqaf it-taħriġ tal-*boxing,* xi ħaġa li kien jagħmel fuq bażi regolari qabel seħħ dan l-inċident.

Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 xehed **Norbert Ciappara**[6], li spjega li huwa *accident investigator* mal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-

[6] *A fol*. 32A tal-proċess.

Xogħol, u qal li l-Awtorità kienet ġiet infurmata mill-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid li kien hemm inċident ġewwa l-fabbrika tal-Float Glass il-Marsa. Qal li meta huwa mar fuq is-sit tal-inċident, seta' jikkonstata li kien sfronda saqaf waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' pannelli fuq is-saqaf tal-istess fabbrika. Ix-xhud qal li meta l-uffiċjali tal-Awtorità marru fuq is-sit sabiex jistabbilixxu x'ġara, kienu ġew infurmati mis-sidien tal-fabbrika li huma kienu kkuntrattaw lill-kumpannija Electrofix biex tinstalla għadd ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt tal-fabbrika tagħhom, u waqt li dawn kienu qegħdin jaħdmu fuq il-bejt, wieħed mill-ħaddiema waqa' wara li ċediet bih il-*perspex* ta' *skylight* li kien hemm fis-saqaf. Ix-xhud qal li sakemm waslu r-rappreżentanti tal-Awtorità fuq il-post, il-*perspex* tal-*iskylight* kienet reġgħet tpoġġiet f'postha, peress li din ma nkisritx, iżda niżlet bl-attur bil-piż tiegħu. Ix-xhud qal li hu ma telax fuq is-saqaf tal-fabbrika biex jagħmel l-investigazzjoni tiegħu għal raġunijiet ta' sigurtà. Qal li min-naħa tiegħu mill-ewwel beda jipprova jistabbilixxi kuntatt mad-diretturi tal-Electrofix, anki sabiex jiġbor id-dettalji tal-persuna li kienet involuta fl-inċident. Qal ukoll li talab lill-konvenuti jwaqqfu x-xogħol li kien inbeda fuq is-sit tal-fabbrika, sakemm tinħatar persuna li tħejji *method statement* dwar ix-xogħol kif kellu jsir, kif ukoll sabiex jiġi stabbilit x'miżuri ta' sigurtà kellhom jittieħdu fuq is-sit.[7] Ix-xhud qal li huwa kellu laqgħa mal-konvenut Joseph Schembri fil-11 ta' April, 2016, u dan kien infurmah li kien sar *risk assessment* ġenerali qabel ma kienu ntbagħtu l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta biex jaħdmu fuq is-sit inkwistjoni. Ix-xhud spjega li dan ir-*risk assessment* kien ġie kkompilat minn konsulent imqabbad mill-konvenut Joseph Schembri, għalkemm dan ir-rapport ma kienx ikopri sitwazzjoni fejn għandhom jitwaħħlu pannelli fotovoltajċi fuq saqaf

[7] Korrispondenza *a fol*. 41 tal-proċess.

*corrugated.*[8] Qal li sussegwentement għal din il-laqgħa, il-konvenut Schembri kien għaddielu kopja ta' *risk assessment* li kien dettaljat ħafna, b'elenku tal-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu sabiex isir xogħol fuq saqaf tal-*corrugated metal*. Fi kliem ix-xhud:

> "... mela bħala l-obbligu tiegħu ta' *employer* li jagħmel *risk assessment* li x-xogħol li jagħti lill-ħaddiema kien għamel. Kien għamlu fit-tnax (12) ta' Jannar. Tajjeb? Issa li ma kienx jinkorpora fih, mela l-liġi 36/2004 tobbliga lill-*employer* biex jagħmel *risk assessment* u tgħidlek li dan ir-*risk assessment* irid ikun *suitable, sufficient and systematic.* Dawk huma tliet elementi li titlob il-liġi. Issa mela allura meta dan ir-*risk assessment* sar u ma kienx jinkorpora dan il-proċess ta' xogħol fuq saqaf *corrugated* allura ma kienx qed ikun *sufficient."*

Ix-xhud qal li l-ewwel *risk assessment* kien sar dwar miżuri li għandhom jittieħdu f'każ li x-xogħol ikun qiegħed isir fuq saqaf normali mhux fuq soqfa tat-tip bħal dak li kellu jaħdem fuqu l-attur. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu kien ikkonstata li dak ir-*risk assessment* kien ġie mgħarraf lill-ħaddiema kollha tas-soċjetà konvenuta, u l-konvenut kien infurmah li f'każ li l-ħaddiema xtaqu jilbsu *harness,* huma kellhom it-tagħmir kollu disponibbli f'kaxxa tal-għodda li kellhom magħhom. Ix-xhud żied jgħid li meta tkellem mal-ħaddiema l-oħra tas-soċjetà konvenuta, dawn qalulu li kienu ilhom jaħdmu fuq dak il-proġett partikolari madwar ħmistax-il ġurnata, u dakinhar li seħħ l-inċident, kienu bdew itellgħu l-għodda, meta f'ħin minnhom semgħu ħoss u indunaw li l-attur kien waqa' minn ġo *skylight.* Ix-xhud qal li l-ħaddiema l-oħra li kienu fuq is-sit flimkien mal-attur kienu infurmawh li ħadd ma kien qalilhom x'miżuri kellhom jieħdu sabiex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom u ta' sħabhom waqt ix-xogħol, għalkemm ikkonfermawlu li fil-kaxxa tal-għodda kellhom *harness.* Kompla jgħid li hu tkellem mal-attur meta dan ħareġ mill-isptar, u l-attur kien

[8] Kopja ta' dan ir-rapport *a fol.* 42 tal-proċess.

qallu li huwa kien ingħata taħriġ dwar kif kellu jsir ix-xogħol, iżda ma kienx ingħata taħriġ speċifiku dwar is-saħħa u s-sigurtà. Ix-xhud kompla jgħid li l-attur kien spjegalu li kollega tiegħu, ċertu Charlo Borg, kien miexi fuq l-istess saqaf qablu, u fil-ħin tal-inċident huwa kellu żewġt ibramel bil-*power tools* f'idu, meta f'ħin minnhom sab ruħu nieżel għal isfel. Ix-xhud qal li meta huwa kkonsulta r-rapport dwar is-*safe systems of work,* kien ikkonstata li l-metodi ta' xogħol elenkati f'dan ir-rapport kienu tali li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-użu ta' *harness.* Ix-xhud qal li huwa kien ikkonstata li s-soċjetà konvenuta ma pprovdiet l-ebda *anchor points* fuq is-saqaf inkwistjoni fejn il-ħaddiema setgħu jankraw l-*harness* magħhom. Ix-xhud spjega li *risk assessment* jinħadem billi l-ewwel jiġi identifikat ir-riskju, u jiġu identifikati n-nies li jistgħu jiġu affettwati minn dan ir-riskju. Sussegwentement issir analiżi tal-kontrolli li jkun hemm fuq is-sit u tal-mod kif ser isir ix-xogħol sabiex kemm min qiegħed jaħdem u l-ħaddiema li jkollu miegħu jkunu siguri. Ix-xhud spjega li *risk assessment* suppost isir billi wieħed jitkellem mal-proprjetarju u jara n-natura tax-xogħol li jkun ser isir mill-ħaddiema, jitkellem mal-ħaddiema u josserva l-mod li bih ikunu qegħdin jaħdmu, u wara jindika n-nuqqasijiet li jikkonstata. Qal li f'dan il-każ minkejja li tqabbad konsulent sabiex jagħmel dan ix-xogħol, ma jirriżultax li sar eżami fiżiku tal-post fejn kellu jsir ix-xogħol. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jara meta mar fuq il-post, l-attur kien waqa' għoli ta' madwar tletin filata. Qal ukoll li wara li huwa lesta r-rapport tiegħu, kienu inħarġu akkużi kriminali fil-konfront tal-konvenut Joseph Schembri. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' ritratti li ttieħdu minnu wara l-inċident[9], u kopja tal-korrispondenza li huwa kellu ma' rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta.[10]

[9] *A fol.* 33 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 37 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju 2018, xehed il-**PL Sean Meli**[11], in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li l-applikazzjoni għall-benefiċċju wara inċident saret mill-attur fis-7 ta' April, 2016, u sussegwentement dan kellu jidher quddiem il-Bord Mediku sabiex jiġi stabbilit jekk l-attur kienx fi stat ta' saħħa tajjeb biżżejjed biex jirritorna lura għax-xogħol. Ix-xhud esebixxa għadd ta' dokumenti, fosthom l-applikazzjoni li għamel l-attur sabiex jingħata l-benefiċċji soċjali wara korriment li kellu[12]; deċiżjonijiet tal-Bord Mediku kull darba li l-attur kellu jidher sabiex jiġi deċiż jekk kienx tajjeb biżżejjed biex jirritorna lura għax-xogħol[13]; dettalji dwar benefiċċji, *allowances* u pensjonijiet li rċieva l-attur[14]; u ċertifikati mediċi ppreżentati mill-attur.[15]

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018, xehed **PC 961 Michael Zahra**[16], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien stazzjonat l-Għassa ta' Ħal Luqa, meta l-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ inċident f'waħda mill-fabbriki f'Ħal Luqa. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar dan l-inċident.[17] Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **PC 976 Thomas Zammit**[18], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien stazzjonat l-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, meta kien ġie infurmat mill-istaff tal-isptar li kienet iddaħħlet persuna li waqgħet minn xi għoli waqt li kienet qiegħda taħdem f'fabbrika fil-Marsa. Qal li hu min-naħa tiegħu kien ikkomunika mal-Għassa ta' Ħal Luqa sabiex jinfurmahom b'dak li kien ġara.

---

[11] *A fol.* 75A tal-proċess.
[12] *A fol.* 76 tal-proċess.
[13] *A fol.* 78 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 85 tal-proċess.
[15] *A fol.* 89 tal-proċess.
[16] *A fol.* 89A tal-proċess.
[17] *A fol.* 89B tal-proċess.
[18] *A fol.* 93A tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 xehdet il-fiżjoterapista **Amy Dimech**[19], li qalet li l-attur ġie operat fid-9 ta' April, 2016, u hija kienet ratu l-ewwel darba fit-taqsima tal-*outpatients* tal-isptar fid-19 ta' April tal-istess sena. Qalet li dakinhar l-attur kien liebes *candle brace*, u l-moviment tiegħu kien limitat minħabba t-tagħmir li kellu jilbes sabiex jikkoreġi l-ksur li sofra. Ix-xhud qalet li fl-ewwel sessjonijiet li hija kellha mal-attur, kien irriżulta li dan kien għadu limitat ħafna fl-attivitajiet tiegħu ta' kuljum, u baqa' jattendi s-sessjonijiet tal-fiżjoterapija bl-iskop ta' riabilitazzjoni. Ix-xhud qalet ukoll li l-attur kien ingħata l-parir li ma jibqax jipprattika l-isport tal-*boxing.*

Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018 xehed **Mr Joseph Borg**, kirurgu fid-Dipartiment tal-Ortopedija[20], li qal li l-attur ġie riferut għandu l-għada tal-inċident, minħabba li kellu ksur f'wieħed mill-irkiekel ta' dahru konsegwenza tal-inċident li sofra. Spjega li s-sinsla tad-dahar ma kinitx intmisset waqt l-inċident, iżda minkejja dan xorta waħda kien hemm il-ħtieġa ta' intervent kirurġiku sabiex jiġi indirizzat il-ksur. Qal li waqt l-intervent, l-attur kienu ddaħħlulu erba' viti f'dahru, erba' boltijiet u żewġ vireg biex tiġi ssudata s-sinsla. Ix-xhud qal li minkejja li l-ksur li kellu fl-għadam issa fieq, fil-futur l-attur jista' jkollu problemi oħrajn, fosthom uġigħ fid-dahar.

Permezz ta' nota tas-7 ta' Novembru 2018, l-attur ippreżenta kopja tal-*FS3 form* għas-sena 2016, li hija s-sena meta seħħ l-inċident.[21]

Fl-*affidavit* tiegħu, missier l-attur, **Anthony Attard**[22], xehed illi dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien ġie infurmat permezz ta' telefonata b'dak li kien ġara, li

[19] *A fol.* 107 tal-proċess.
[20] *A fol.* 112 tal-proċess.
[21] *A fol.* 119 tal-proċess.
[22] *A fol.* 117 tal-proċess.

ibnu kien involut f'inċident. Qal li wara l-inċident, ibnu kien ġie rikoverat l-isptar għal numru ta' ġranet, u wara għamel sena jattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija, u f'dan iż-żmien ibnu ma setax jaħdem. Ix-xhud qal li minkejja li wara sena ibnu reġa' beda jaħdem fl-istess post tax-xogħol, in-natura tax-xogħol tiegħu nbidlet, u minflok xogħol fuq barra beda jaħdem bħala *store keeper.* Qal ukoll li l-ħolma li kellu l-attur li xi darba jsir *boxer* professjonali issa spiċċat minħabba li m'għadux jiflaħ jagħmel ċertu *training* u sports ta' strapazz. Ix-xhud qal li wara l-inċident, ibnu m'għadux li kien, minħabba li issa qiegħed jesperjenza xi limitazzjonijiet f'dak li jista' jagħmel, kif ukoll hemm diversi eżerċizzji li huwa ma jistax jagħmel, li lkoll affettwawlu l-istat ta' saħħtu.

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **Michael Brown**[23], *coach* tal-*boxing* tal-attur, qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kien għad jonqsu żewġ jew tliet logħbiet biex isir *boxer* professjonali. Qal li meta l-attur kien *semi-professional,* dan kien jilgħab tlieta jew erba' darbiet fis-sena, u ta' kull ġlieda kien jitħallas l-ammont ta' madwar ħames mitt Euro (€500), għax *boxer* jieħu ħamsin fil-mija (50%) mill-prezz tal-bejgħ tal-biljetti tal-logħba. Żied jgħid li *boxer* ikollu wkoll numru ta' *sponsors,* li jagħtu somma flus lill-*boxer* u l-*boxer* min-naħa tiegħu jagħmlilhom riklam bl-ilbies. Qal li l-attur kellu *sponsors* f'kull ġlieda li kien jipparteċipa fiha. Ix-xhud qal li wara l-inċident l-attur m'għadux fi stat ta' saħħa daqstant tajjeb minħabba li waqaf mit-*training,* u waqqaf il-prattika tal-isport tal-*boxing,* għalkemm qal ukoll li l-attur xorta waħda għadu jattendi l-*club* u jsegwi dak li jkun għaddej.

[23] *A fol.* 118 tal-proċess.

Permezz ta' nota tas-27 ta' Novembru, 2018, l-attur ippreżenta l-*FS3s* għas-snin 2017 u 2018, kif ukoll kopji tal-*pay slips* għax-xhur riċenti.[24]

Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2018 xehdet **Maria Dolores Fenech**, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali[25], li ppreżentat kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Joseph Schembri**, fejn il-konvenut Joseph Schembri ammetta l-akkużi miġjuba kontrih b'rabta mal-inċident inkwistjoni u ġie kkundannat iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000).[26]

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar 2019 xehed il-konvenut **Joseph Schembri**[27], li qal li huwa direttur tas-soċjetà konvenuta Electrofix Limited. Fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-kumpannija rappreżentata minnu kienet rebħet kuntratt biex tagħmel xogħol ta' twaħħil ta' pannelli solari fuq bejt ta' fabbrika. Qal li meta seħħ l-inċident ix-xogħol fuq is-sit tal-fabbrika kien ilu għaddej madwar xahar u nofs, u fuq is-sit is-soċjetà konvenuta dejjem kien ikollha tal-anqas erba' ħaddiema jaħdmu. Ix-xhud qal li mil-lat ta' saħħa u sigurtà tal-impjegati, il-kumpannija kellha *risk assessment* tagħha li kien wieħed ġeneriku, u kultant żmien kien jingħata wkoll taħriġ lill-ħaddiema tagħha dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Spjega li s-saqaf inkwistjoni kien tal-metall *corrugated,* u kultant spazju kien hemm folja tal-*perspex* li minnha kien jidħol id-dawl naturali fil-fabbrika. Ix-xhud qal li saqaf tal-*corrugated metal* huwa wieħed li jiflaħ biżżejjed biex jimxu fuqu n-nies u anki biex fuqu jitpoġġew il-pannelli, għalkemm qal li fil-kors ordinarju tax-xogħol wieħed ma jistenniex li jkun hemm nies mexjin fuq saqaf bħal dan. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li dakinhar li

[24] *A fol.* 122 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 130 tal-proċess.
[26] *A fol.* 132 tal-proċess.
[27] *A fol.* 135 tal-proċess.

seħħ l-inċident huwa kien imsiefer, madanakollu hu kien ikkonferma bl-eżatt fejn seħħ l-inċident. Qal ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident, kienet l-ewwel darba li l-attur kien intbagħat fuq is-sit. Ix-xhud ippreżenta dokument intitolat *Generic OHSA Risk Assessment for PV Panels Installation* li ġie kkompilat minn konsulent imqabbad mill-konvenuti fir-rigward tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt ix-xogħol ta' installazzjoni tal-pannelli.[28]

Il-konvenut Joseph Schembri kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2019[29], fejn qal li kien ikkonferma li l-attur kien waqa' minn fuq il-parti tas-saqaf fejn kien hemm il-*perspex.* Qal li huwa kien ġie infurmat b'dan kemm minn kollega tal-attur, li kien qiegħed iwaħħal il-pannelli miegħu fuq is-sit, kif ukoll mir-ritratti li ttieħdu tal-post fejn seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2019 xehed **Charlo Borg**[30], kollega tal-attur li fil-ħin tal-inċident kien miegħu fuq is-saqaf tal-fabbrika tal-Float Glass, li qal li huwa jaħdem bħala assistent *electrician* u jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' pannelli. Qal li hu kien ilu jmur fis-sit tal-fabbrika fejn seħħ l-inċident madwar xahar u nofs, u xogħlu kien jinvolvi t-twaħħil ta' *brackets* u t-twaħħil ta' pannelli. Qal li matul dan il-proġett, kien ikun hemm tlieta jew erba' min-nies jagħmlu xogħol fuq is-saqaf. Ix-xhud qal li l-ħaddiema li kien hemm fuq is-sit kienu jingħataw apparat ta' sigurtà, u fost l-apparat kien hemm ukoll *harness,* imma dakinhar huwa ma ħassx il-bżonn li jilbisha minħabba li x-xogħol ma kienx jinvolvi tixbit. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien mar fuq il-post flimkien mal-attur u żewġ persuni oħra, wieħed ta' nazzjonalità Taljana u l-

[28] *A fol.* 145 tal-proċess.
[29] *A fol.* 168 tal-proċess.
[30] *A fol.* 171 tal-proċess.

ieħor Eġizzjan, u huwa kien qal bil-lingwa Taljana lill-ħaddiem Taljan biex joqgħod attent għax fis-saqaf kien hemm diversi biċċiet tal-perspex imdaħħlin. Ix-xhud qal li l-attur kien miexi warajh, u waqt li kien miexi, ix-xhud kien evita li jimxi minn fuq il-perspex li waqa' minnha l-attur. Ix-xhud qal li l-kulur tal-*perspex* kien jidher li huwa differenti mill-kumplament tas-saqaf, għalkemm ikkonferma li fuq is-saqaf ma kienx hemm *pathway signs* li jindikaw il-ħaddiema minn fejn kellhom jimxu. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li l-ħaddiema kellhom *harness* magħhom dakinhar, fil-ħin tal-inċident ħadd ma kien liebes *harness*. Ikkonferma wkoll li fuq is-sit ma kienx hemm *anchor points* ma' fejn titqabbad il-*harness.* Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, rappreżentanti tal-Awtorità dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienu waqqfu x-xogħlijiet milli jkomplu, u meta reġgħet inħarġet l-ordni biex jitkomplew ix-xogħlijiet, fuq is-saqaf inkwistjoni kien hemm marki bil-*highlighters* li jindikaw il-ħaddiema minn fejn kellhom jimxu sabiex jevitaw il-periklu. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm ukoll *pallets* biex jgħattu l-partijiet tal-perspex li kien hemm fis-saqaf.

Waqt l-udjenza tas-26 ta' April, 2019, sar il-kontroeżami tal-konvenut **Joseph Schembri**[31], li qal li hu ġieli tela' fuq is-saqaf inkwistjoni, anki qabel seħħ l-inċident inkwistjoni. Qal li wara l-inċident huwa kien tela' fuq is-saqaf u kien ġie indikat lilu l-post eżatt minn fejn waqa' l-attur. Ix-xhud qal li huwa kien ikkonferma li l-attur waqa' meta rifes fuq biċċa *perspex* fis-saqaf u din sfrundat bih, bir-riżultat li dan baqa' nieżel għal isfel. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident kienet l-ewwel darba li l-attur kien intbagħat jaħdem fuq is-saqaf tal-fabbrika fejn seħħ l-inċident, għalkemm kien intbagħat drabi oħra fil-post biex jagħmel xogħol fuq ġewwa. Il-konvenut ikkonferma li huwa kien

[31] *A fol.* 186 tal-proċess.

ikkummissjona rapport dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-proċess tal-installazzjoni tal-pannelli, liema rapport kien wieħed ġeneriku, u sussegwentement għall-inċident kien ikkummissjona rapport ieħor dwar ir-*risk assessment* li jrid isir f'każ li x-xogħol ta' installazzjoni jkun irid isir fuq saqaf *sloping* bħal fil-każ odjern. Il-konvenut qal li l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta jingħataw taħriġ kemm fuq soqfa ċatti kif ukoll fuq soqfa *sloping,* u dan għaliex huma jaħdmu ħafna fuq soqfa ta' fabbriki, li fil-parti l-kbira tagħhom huma *sloping.* Il-konvenut spjega li f'dan il-każ ma kienx hemm *anchor points* fis-saqaf għax minkejja li dan kien *sloping,* l-angolatura tiegħu kienet ta' 5 *degrees* u għalhekk li kieku bniedem kellu jiżloq minn fuq dan is-saqaf, kien ser jiġi fuq bejt ieħor fl-istess livell u mhux jaqa' għal isfel. Qal li lanqas wara li seħħ l-inċident u l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienet awtorizzat it-tkomplija tax-xogħol fis-sit, ma kien hemm l-ebda *anchor point* fis-saqaf. Ix-xhud ikkonferma li qabel seħħ l-inċident, ma kienx hemm marki fuq is-saqaf tal-fabbrika li jindikaw lill-ħaddiema minn fejn setgħu jgħaddu. Imma qal li huwa kien tela' fuq is-saqaf mal-ħaddiema li ntbagħtu qabel beda l-proġett sabiex jindikalhom minn fejn kellhom jgħaddu. Il-konvenut ikkonferma li minkejja li r-*risk assessment* li sar kien wieħed ġeneriku, madanakollu l-ħaddiema kienu jingħataw taħriġ fuq kull tip ta' soqfa, kemm fuq dawk tal-metall, kemm dawk *corrugated* u anki fuq dawk magħrufa bħala *sandwich panels.* Ix-xhud ikkonferma li filwaqt li s-saqaf inkwistjoni kien kollu tal-*corrugated iron,* madanakollu il-parti tal-*perspex* hija trasparenti sabiex ikun jista' jgħaddi d-dawl minnha.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur, impjegat bħala *labourer* mas-soċjetà konvenuta Electrofix Limited, intbagħat jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fuq is-saqaf ta' fabbrika fil-Marsa, wara li l-kumpannija li huwa kien impjegat magħha ngħatat kuntratt biex tagħmel dan il-proġett. Dakinhar li seħħ l-inċident, kienet l-ewwel darba li l-attur tela' fuq is-saqaf tal-*corrugated metal* ta' din il-fabbrika u kien tela' fuq dan is-saqaf permezz tal-użu ta' sellum minn barra, u huwa u jagħmel dan kien akkumpanjat minn tlieta minn sħabu. Il-Qorti semgħet kif minkejja li dan is-saqaf kien tal-*corrugated metal* u kien jiflaħ għall-piż ta' persuni mexjin fuqu u għall-piż tal-pannelli li kellhom jiġu installati fuqu*,* f'partijiet minnu dan kellu biċċiet tal-*perspex* li jiffurmaw speċi ta' *skylight,* li minnhom kien jidħol id-dawl naturali fil-fabbrika. L-attur u sħabu kienu qed iġorru xi għodod meħtieġa għax-xogħol tagħhom, u hekk kif kienu fuq is-saqaf, wieħed mill-ħaddiema Charlo Borg, li kien ilu jaħdem f'dan is-sit madwar xahar għax kien għamel ix-xogħol preparatorju b'rabta mal-installazzjoni ta' dawn il-pannelli, qal lil sħabu biex joqogħdu attenti minn fejn jimxu, u kien qal dan bil-lingwa Taljana peress li wieħed mill-ħaddiema fuq is-sit inzerta kien Taljan. Minkejja dan, jirriżulta li waqt li l-attur kien miexi fuq dan is-saqaf, f'punt minnhom dan rifes fuq biċċa mis-saqaf miksija bil-*perspex,* li sfrundat bih, bir-riżultat li baqa' nieżel għal isfel għoli ta' madwar żewġ sulari u spiċċa mal-art fil-fabbrika.

Mill-provi jirriżulta li fil-ħin tal-inċident, l-attur kien liebes *safety shoes,* u l-ħaddiema kellhom *harness* fil-kaxxa tal-għodda tagħhom, bħala parti mit-

tagħmir protettiv ipprovdut lilhom waqt ix-xogħol, imma din il-*harness* ma setgħetx tintuża fuq dak is-saqaf partikolari minħabba li ma kienx hemm l-*anchor points* meħtieġa biex din titqabbad magħhom, u għalhekk il-*harness* ipprovduta mis-soċjetà konvenuta lill-ħaddiema tagħha ma kellha l-ebda użu. Mill-provi jirriżulta li ftit wara l-inċident, waslu fuq il-post uffiċjali tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li minbarra li għamlu r-rapport tagħhom dwar il-mod kif seħħ l-inċident, taw ordni li fuq is-sit ma jsir l-ebda xogħol ieħor sakemm jitfassal *method statement* li jkun maħsub biex iħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-Qorti semgħet id-depożizzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Norbert Ciappara, li qal li meta eżamina l-każ irriżultalu li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-konvenuti fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, partikolarment għax minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet għamlet eżerċizzju ta' *risk assessment,* dan ma kienx wieħed effettiv peress li ma kienx ikopri kull tip ta' saqaf li l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kienu mistennija li jaħdmu fuqu. Il-konvenut Joseph Schembri stess xehed li x-xogħol tas-soċjetà konvenuta jinvolvi ħafna xogħol fuq is-soqfa ta' fabbriki, li fil-parti l-kbira tagħhom huma soqfa tal-*corrugated metal,* u r-*risk assessment report* imħejji mill-konsulent inkarigat mis-soċjetà konvenuta, ma kienx fih dettalji dwar kif għandhom jiġu evitati l-perikli li ħaddiem jista' jiffaċċja fuq dan it-tip ta' saqaf. Barra minn hekk il-ħaddiema li kienu mal-attur fil-ħin li seħħ l-inċident, qalu li lilhom ħadd ma kien tahom struzzjonijiet dwar l-aħjar mod li bih kellhom jaħdmu sabiex jevitaw il-perikli u r-riskji assoċjati max-xogħol li kellhom jagħmlu. Mill-provi jirriżulta wkoll li wara li l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienet ordnat li jieqaf ix-xogħol kollu li kien qiegħed isir fuq is-saqaf tal-fabbrika inkwistjoni sakemm jitħejja

*method statement* dwar l-aħjar mod li bih għandu jsir ix-xogħol, fuq is-saqaf inkwistjoni kienu tpoġġew *pathway markings* biż-żebgħa sabiex jindikaw il-postijiet li wieħed għandu jimxi fuqhom u l-postijiet li wieħed għandu jevita minħabba l-periklu, kif ukoll tpoġġew għadd ta' *pallets* sabiex jindikaw il-postijiet fejn kien hemm *skylights,* bħal dik li kienet sfrundat bl-attur.

Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-konvenuti naqsu milli josservaw diversi obbligi imposti fuq min iħaddem sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u dan huwa l-aktar evidenti - mill-mod kif l-apparat li ngħataw il-ħaddiema ma kienx apparat adegwat u effettiv fiċ-ċirkostanzi minħabba n-nuqqas ta' *anchor points* fis-saqaf ma' fejn il-ħaddiema setgħu iqabbdu l-*harness* ipprovduta lilhom; mill-fatt li l-ħaddiema kienu nieqsa mit-taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà tagħhom u ta' sħabhom fuq il-post tax-xogħol; mill-fatt li r-*risk assessment* li sar kien wieħed ġeneriku u ma jistax jitqies li kien suffiċjenti għaċ-ċirkostanzi partikolari li ried isir ix-xogħol fihom; mill-fatt li kien biss jumejn wara li seħħ l-inċident inkwistjoni li ttieħdu l-miżuri preventivi neċessarji billi fuq is-saqaf inkwistjoni saru marki biż-żebgħa li jindikaw persuna minn fejn għandha tgħaddi fuq dak is-saqaf. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li minkejja li x-xhud Charlo Borg qal li hu qagħad attent minn fejn kellu jgħaddi, dan kien ilu jiffamiljarizza ruħu mas-saqaf inkwistjoni għal perijodu ta' aktar minn xahar, meta kien jitla' fuq il-bejt inkwistjoni biex jagħmel ix-xogħol preparatorju meħtieġ. Il-Qorti tqis ukoll li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attur kien mgħobbi bl-għodda u b'affarijiet oħra, li jista' jkun dak il-ħin tellfuh milli jara fejn kien qiegħed imidd il-pass.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li ma kien hemm ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Imma mhux l-istess jista' jingħad fir-

rigward tal-konvenuti, li kif jirriżulta mill-provi naqsu milli jħarsu diversi obbligi li kellhom jiġu mħarsa, u li l-liġi stess timponi fuq min iħaddem li għandu jħares. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[32], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżerċizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[33], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u

[32] Q.A., 24.11.2017.
[33] Q.A., 03.12.2010.

superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem *"to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Huwa hawnhekk li l-Qorti tagħmel riferiment għall-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, fejn intqal li l-konvenut Joseph Schembri m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-azzjoni odjerna hija waħda għar-riżarċiment tad-danni li l-attur jgħid li sofra konsegwenza tal-imġiba doluża jew kolpuża tad-direttur tas-soċjetà konvenuta, Joseph Schembri. Azzjoni bħal din tirrentra fl-iskema tar-responsabbilità akwiljana, u tippresupponi li d-danni ġew ikkaġunati bħala konsegwenza immedjata tal-imġiba tal-konvenut Joseph Schembri bħala direttur tal-kumpannija konvenuta. Permezz ta' deċiżjoni fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta *vs.* Vella Group Limited et**[34], b'riferiment għar-responsabbilità li għandha tinġarr mid-direttur ta' kumpannija f'ċirkostanzi simili, intqal illi:

"In linea ta' prinċipji ġenerali, jinsab ritenut illi r-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta tikkumula ruħha ma' dik tad-direttur. Ma hemmx dubju però illi f'ċerti determinati sitwazzjonijiet id-direttur huwa personalment responsabbli għad-danni li jikkaġonaw bl-aġir delittwuż minnhom stess kommess. Dan anke jekk jippermetti jew jistruwixxi lil ħaddieħor fis-soċjetà biex iwettqu. Jingħad mill-**Palmer, *"Company Law",*** 24th Edition, pg. 1970 *et sequitur* illi, *"nevertheless, a director who, has authorised, directed and procured the commission of a tort by his company may be personally liable to the victim of the tort even though he was not*

[34] Qorti tal-Appell, 08.06.2006

> *aware that the acts fo authorised were tortuous or did not care whether the acts were tortuous or not."*
>
> Din is-silta tinsab riprodotta fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Galea *vs* Marin J. Hili nomine,** Qorti Ċivili, Prim Awla, 1 ta' Ottubru 1996, per Imħallef J. Said Pullicino, liema sentenza kompliet tenunċja illi, "f'każijiet ta' din ix-xorta però r-responsabbilità tad-direttur personalment tista' ma tkunx esklussiva imma konkorrenti ma' dik tas-soċjetà minnu ġestita li xorta tista' tkun hi wkoll responsabbli fil-konfront tat-terzi ta' danni konsegwenzjali għall-aġir delittwuż tad-direttur tagħha."

Il-Qorti qieset ukoll li l-konvenut Joseph Schembri ammetta r-responsabbilità kriminali tiegħu fir-rigward ta' dak li seħħ, u dan quddiem l-akkużi ta' nuqqasijiet fil-ħarsien tal-liġi li tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Għar-raġunijiet imsemmija il-konvenut Schembri għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni flimkien u *in solidum* mal-kumpannija li huwa direttur tagħha, is-soċjetà konvenuta Electrofix Limited.

*Danni:*

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li huwa jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' danni materjali sofferti minnu konsegwenza ta' dan l-inċident, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis li l-attur m'għandu l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[35], inkiteb:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[36], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tqis illi mill-kopji tal-*FS3s* esebiti mill-attur, jirriżulta li fis-sena meta seħħ l-inċident, li seħħ f'April tas-sena 2016 u għalhekk fi stadju pjuttost bikri fis-sena, l-attur kellu dħul gross ta' €8,898, li minnhom l-ammont ta' €1,049.36 tħallsu f'taxxa u kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur talab lill-Qorti tikkonsidra d-dħul tiegħu għas-sena 2017 għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel, minħabba li jirriżulta li f'dik is-sena d-dħul tiegħu kien sostanzjalment aktar milli kien fis-sena meta

[35] P.A., 18.02.2013.
[36] P.A., 27.04.2005.

seħħ l-inċident, u dan minkejja li mill-provi rriżulta li għal perijodu ta' madwar erba' xhur minn dik is-sena (l-2017), l-attur ma kienx qiegħed jirrapporta għax-xogħol. Jirriżulta wkoll mill-kopja tal-*FS3 form* għas-sena 2018, li tkopri biss il-perijodu mill-1 ta' Jannar sat-22 ta' Ġunju, 2018, id-dħul tal-attur mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta ukoll kien sostanzjalment aktar mid-dħul dikjarat għas-sena 2016, u għalhekk huwa aktar verosimili li d-dħul dikjarat għas-sena 2017 huwa dak li jirrifletti l-qligħ attwali tal-attur mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Fil-fatt jirriżulta li meta jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għas-sena 2017, l-attur kellu dħul nett ta' €11,229.05, u salarju gross ta' €12,918, li minnhom iridu jitnaqqsu €573 taxxa u €1,115.95 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għax-xhieda ta' Michael Brown, li qal li l-attur kellu introjtu mil-logħob tal-*boxing* fuq bażi semiprofessjonali, u l-attur kien jattira wkoll għadd ta' sponsors f'kull logħba. Madanakollu jrid jintqal li ma nġabet l-ebda prova dwar dan, u għalhekk il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni ta' din il-pretensjoni dwar dħul addizzjonali li seta' kellu l-attur, peress li jirriżulta li ma ġietx ippruvata.

Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[37], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem, fis-somma ta' €11,229.05 + €15,002.01 / 2 = €13,115.53. Huwa dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

[37] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."* Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, li hija l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[38], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern l-espert mediku *ex parte* Mr Frederick Zammit Maempel wasal għall-konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' sebgħa fil-mija (7%) b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

[38] P.A., 10.05.2005.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wasslet għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża kienet iddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata l-kawża u s-sentenza. Ċertament li f'dan il-każ ma jistax jintqal li hemm lok għal tnaqqis għal dawn ir-raġunijiet minħabba li l-kawża odjerna nfetħet madwar tmintax-il xahar ilu u ma jirriżulta l-ebda dewmien żejjed minn xi parti jew oħra f'dawn il-proċeduri.

Is-salarju medju ta' €13,115.53 x *multiplier* ta' 35 x 7% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €32,133.05 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u sitt Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€25,706.44). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas *in solidum* mill-konvenuti bejniethom lill-attur.

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li r-responsabbilità tal-inċident mertu ta' dawn il-kawża għandha tinġarr mill-konvenuti solidalment bejniethom;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u sitt Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€25,706.44);**

4. **Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attur id-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti *in solidum*.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**